MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2006

Numru 1067/2004

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello)
vs
Veronica Brincat, bint Carmelo Cauchi, imwielda Pieta' fis-6 ta'
april, 1965

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fid-9 ta' awissu, 2004 għal ħabta tat-3.00 p.m. ġewwa tal-Pieta', bil-ħsieb li tikkawza ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' żewġek Joseph Brincat uriet dan il-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi saqet vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni VER028, lejn id-direzzjoni tiegħu, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħha;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi għamlet ħsara volontarja ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) iżda anqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500) għad-dannu ta' Joseph Brincat;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi saqet l-imsemmija vettura kontra s-sinjal tal-'one way';
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi saqet l-imsemmija vettura bi traskuraġni u b'manjiera perikoluza.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tapplika l-piena skond il-liġi, tiskwalifika lill-imsemmija Veronica Brincat milli jkollha jew milli tikseb liċenzja tas-sewqan għall-perjodu li jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputata bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat u żewġha, Joseph Brincat, kienu qed jisseparaw. Huma għandhom tlett titfal u dak in-nhar ta' l-inċident huma kienu għadhom joqgħod taħt l-istess saqaf. Għandu jingħad li ftit qabel l-imputata kienet tilfet tarbija u it-tifla l-kbira li dak iż-żmien kienet tgħix mal-ġenituri kienet tqila.

Illi l-konjuġi Brincat kellhom 'pet shop' li sar matul iż-żwieġ u l-inċident ġara barra dan il-ħanut.

Illi jirrizulta li l-imputata kienet marret il-ħanut titlob lil Joseph Brincat il-flus għaliex ma kellhiex biex tgħajjex lill-familja. Illi f'dan il-ħanut beda argument li baqa' għaddej anke barra l-ħanut.

Illi skond Joseph Brincat, riedet xi flus. Hi ħarġet 'il barra tgħajjat. Rikbet l-karozza, waqfet il-karozza quddiem il-ħanut u b'idejha ġibdet il-qasab li kien hemm quddiem il-ħanut. Hu ħareġ jirranġja l-qasab, bil-karozza telgħet fuq

il-bankina u ppruvat ittajru iżda hi tajret l-qasab biss. Joseph Brincat ma ġralu xejn fl-inċident. It-triq hi 'one way' u hi niżlet 'wrong side'. Xehed ukoll li fil-karozza kien hemm binthom Tiziana.

Illi dak il-ħin ta' l-inċident ta' l-inċident kien hemm żewġ persuni fil-ħanut li offrew ix-xhieda tagħhom. ftit jew wisq hu jikkonfortaw lil Joseph Brincat iżda hemm punt ta' diskrepanza fix-xhieda tagħhom.

Illi fil-karozza ta' l-imputata kien hemm Tiziana Brincat u ħuha ż-żgħir Christian ta' disa' snin. Hi ddeskrivit l-inċident fejn ikkonfermat li ommha qalbet il-qasab iżda ħasbet li missierha kien ġej għal ommha u għalhekk inxteħet fuqha. Ħuha li kien bil-qegħda wara qabad lil ommu minn għonqha. Konsegwenza ta' dan l-imputata tilef il-kontroll tal-vettura li waqgħet lura u baqgħet dieħla ġol-qasab.

Illi l-versjoni ta' l-imputata hi li żewġha qabad qasba biex jagħti biha, meta hi kienet fil-vettura u laħaq laqagħta. It-tfal kif raw hekk iddendlu magħha, tilef il-kontroll tal-vettura u baqgħet dieħla fil-qasab.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-versjoni tat-tifla tal-konjuġi Brincat hi l-iktar waħda attendibbili għaliex jidher ċar li hi riedet tgħid il-verita' mingħajr ma tweġġa ebda mill-ġenituri tagħha. Iżda jekk din ix-xhieda tipparagunha ma dik ta' l-imputata tirrizulta stampa fejn dak li ġara kien inċident u ma hemm ebda responsabilta' kriminali fil-konfont ta' l-imputata.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------